*Wasal fl-aħħar il-jum sbejjaħ*
*Jum ta' ferħ u allegrija*
*Raġġi nfetħu mill-istilla*
*Fuq il-banda Sant'Andrija.*

# IN-NISA F'ĦAL LUQA MATUL IL-PERJODU TAL-ORDNI (1530-1798)
## L-ewwel parti

Dr Mario Cassar

### Introduzzjoni

Il-każijiet imsemmija f'dan l-artiklu huma kollha ddokumenti fl-arkivji, u l-parti l-kbira minnhom ġew traskritti minn Dun Ġużepp Micallef fil-ktieb imprezzabbli tiegħu, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* (1975). Imbagħad, id-deskrizzjoni tal-qagħda ġenerali tal-mara u l-isfond soċjokulturali ta' matul l-epoka tal-Kavallieri huma msejsa primarjament fuq ix-xogħol daqstant ieħor eċċellenti tal-Prof. Carmel Cassar, *Daughters of Eve* (2002). Xogħli kien li ninkwadra r-rakkonti pprovduti minn Micallef fil-qafas teoretiku ta' Cassar. Għaldaqstant dan hu bażikament xogħol ta' sintesi; il-qofol tal-materjal jistrieħ fuq xogħol imwettaq qabli minn ħaddieħor, imma n-nisġa tagħhom f'narrattiva koerenti hija kompletament tiegħi.

L-istorja ħafna drabi nkitbet mill-irġiel u n-narrattiva tagħhom kellha, aktar iva milli le, protagonisti maskili u setgħana - slaten, nobbli, kavallieri, ġenerali, politiċi, u l-bqija. Kien bis-saħħa tal-istorja soċjali li bdejna nsiru midħla, ftit jew wisq, ta' nies ta' mingħajr awtorità u mezzi, nies komuni bla pretensjonijiet u influwenza – raħħala, ħaddiema, qaddejja, bejjiegħa, baħħara, u l-bqija. Kien għalhekk ukoll li fl-aħħar bdejna nsiru nafu xi ħaġa dwar l-esperjenzi ta' nisa ordinarji li għexu ħajja anonima, normalment fid-dell ta' żwieġhom - aktarx ħajja iebsa, kultant anki miżerabbli.

### Iż-żwieġ, is-sess u l-Konċilju ta' Trentu

Il-ħakma bikrija tal-Ordni f'Malta (1530–1565) kważi tikkoinċidi mal-Konċilju ta' Trentu (1545–1563), u għaldaqstant mal-bidu tal-Kontro-Riforma. Il-Knisja, imbeżża' mit-tagħlim meqjus 'eretiku' tal-Protestanti, riedet tinforza l-poter u r-regoli tagħha akkost ta' kollox. Din l-awtorità nfirxet ukoll fl-arena tas-sess u ż-żwieġ. Il-Koncilju ddikjara gwerra qalila kontra kull tip ta' libertinaġġ sesswali – il-fornikazzjoni, il-konkubinaġġ, l-adulterju, il-bigamija, u s-sess qabel iż-żwieġ. Kull attività konjugali kellha sseħħ bil-barka tas-Sagrament. F'kelma waħda, il-Konċilju ried li jiddixxiplina lill-poplu fl-imġiba sesswali tiegħu. Il-Knisja riedet li jkollha padronanza mhux biss fil-qrati, fl-istituzzjonijiet statali, u fil-pjazez pubbliċi, imma anki fil-kmamar tas-sodda.

Il-Konċilju għamel minn kollox biex jeradika l-idea li l-fornikazzjoni semplici mhijiex dnub. L-adulterju, imbagħad, kien meqjus agħar mill-fornikazzjoni għax kien jisfida l-idea sagrosanta tal-monogamija. Il-problema tal-bigamija wkoll kienet pertinenti. Għal dan l-iskop il-Knisja, anki f'Malta, nidiet l-Istatus Liberi. Kull stranġier li xtaq jiżżewweġ xebba lokali kellu, qabel xejn, iġib dikjarazzjoni ffirmata mingħand l-isqof ta' art twelidu li hu kien tassew 'liberu' *(single)* biex b'hekk jiġu evitati żwiġijiet li fis-sew ikunu invalidi. Minkejja r-reqqa tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi, xorta niltaqgħu ma' każijiet intermittenti li fihom raġel barrani nqabad li diġà kien miżżewweġ band'oħra.

Iż-żwieġ u s-sess, għalhekk, issa kienu qed jiġu skrutinizzati b'mod l-aktar rigoruż. Imma l-akbar skrutinju assidwu kien dak fuq il-komportament tal-mara. Idealment, post il-mara kien fid-dar matrimonjali, imħarsa minn żewġha, u mbiegħda minn kull sura ta' tentazzjoni karnali. Iż-żwieġ, wara kollox, kellu jistrieħ fuq l-onestà fix-xogħol u t-temperanza fl-imġiba, dejjem għall-ġid tal-koppja u ta' wliedhom.

**Il-mara u ż-żwieġ**

L-evidenza kollha turi li f'dawn iż-żmijiniet il-mara ma kinitx tippretendi minn żewġha l-istess livell ta' intimità emozzjonali u s-sostenn li wieħed jistenna llum. Sempliċiment kienet tistenna li jkun ġentili u li almenu ma jkunx abbużiv. Għal ħafna nisa ż-żwieġ kien biss mezz ta' stabbilità ekonomika – mezz kif mara tista' ġġaħġaħha u tgħix f'sembjanza ta' serħan il-moħħ; ftit li xejn kien hemm ħjiel ta' għożża u romantiċiżmu. Għal ħafna nisa, iż-żwieg kien diffiċli, għal xi wħud impossibbli.[1]

Ħafna nisa kienu jiżżewġu mingħajr l-iċken ħjiel ta' mħabba, ħafna drabi mġiegħla mill-ġenituri tagħhom. L-alternattivi kienu l-kunvent jew it-triq. In-nisa kienu kkontrollati minn missierhom u xi drabi anki minn ħuthom subien, li akkost ta' kollox riedu li jipproteġu l-unur tal-familja. Ir-rieda tal-mara nnifisha ftit li xejn kienet tgħodd. Dan ħalla ħafna nisa fi stat ta' frustrazzjoni sesswali u disturb emozzjonali.[2] Ħafna nisa batew is-swat u l-abbuż mingħajr il-possibiltà li jinfdew minn sitwazzjoni msejkna. Id-divorzju, sintendi, kien inkonċepibbli.

L-għarus kien pjuttost jintgħażel fuq bażi ekonomika - essenzjalment fuq kemm kien kapaċi jsostni familja. Għalhekk ħafna kienu jiżżewġu fl-istess klassi soċjali tagħhom: il-fqar mal-fqar, is-sinjuri mas-sinjuri.[3] Billi fin-nofs kien hemm involuta l-proprjetà, ebda familja ma kienet tixtieq li ġidha jispiċċa għand xi opportunist jew għand xi ċerċur.[4]

Il-mara kienet suġġetta għal żewġha f'kull rispett. Ma setgħetx tiftaħ kawża, ma setgħetx tiffirma kuntratt, u ma setgħetx tmur il-qorti, jekk mhux bil-kunsens ta' żewġha. Verament, meta r-raġel imut, l-armla kellha d-dritt għal terz tal-beni tal-familja biex issostni lilha nfisha sakemm tibqa' ħajja, imma dan kellu jerġa' jgħaddi għand l-eredi tar-raġel mal-mewt tagħha.

Il-mara kient ikkontrollata fuq kull livell; kien hemm saħansitra kontroll fuq l-ilbies u x-xagħar. Il-kodiċi tal-ilbies kien strett ħafna, aktar u aktar meta ċerti ħwejjeġ kienu assoċjati mal-prostituti. Ix-xagħar twil kien jgħodd biss għax xebbiet u għan-nisa tat-triq. Kull mara miżżewġa kienet mistennija li tgħatti xagħarha. Altrimenti, ix-xagħar twil kien sinjal ta' disponibiltà sesswali.

Għal kull mara l-unur kien jiddependi fuq l-integrità sesswali tagħha, hekk li setgħet titla' l-qorti biex tiddefendi unurha. L-agħar ħaġa li stajt tagħmel biex tinsultaha kienet li tgħajjarha 'qaħba'.[5] Fl-istess waqt, iż-żminijiet li qed nitkellmu fuqhom kienu kkaratterizzati minn doża karga ta' ipokrezija. L-adulterju ta' mara kien

kundannabbli bil-kbir, imma l-adulterju ta' raġel kien aktarx skużabbli. Il-mara kienet 'tidneb' minħabba l-lussurja innata tagħha, imma raġel kien 'jiżbalja' minħabba d-'debbolezza' tiegħu.[6]

Nisa li ma kellhomx tfal kienu meqjusa falluti, ħalliha li kemm-il darba ma kienx ikun it-tort tagħhom, imma ta' żwieġhom. Dan ma kienx sempliċiment il-ġudizzju inġust tas-soċjetà; in-nisa stess kienu jemmnu hekk, sforz l-indotrinazzjoni kulturali taż-żmien. Hawnhekk jerġa' jispikka s-sens ta' ipokrezija. Meta r-ragel kien ikun impotenti jew mielaħ, ħafna drabi kienu jgħidu li hu kaġun ta' xi seħer jew magħmul; mill-bqija, għax il-mara kienet ħawlija u allura mhux kapaċi tiled.[7]

Ta' min jgħid li anki t-tfal kienu trattati b'indifferenza, bħallikieku kienu piż żejjed fuq il-familja. Biss hawn min jargumeanta li din l-attitudni kienet il-mod kif l-ommijiet setgħu jkampaw mar-realtà kiefra tal-ħajja. F'soċjetà b'rata għolja ta' mortalità infantili (minħabba mard, nuqqas ta' iġene, jew nuqqas ta' ikel sustanzjuż), l-ommijiet bħal donnhom riedu jrabbu qoxra biex jipproteġu ruħhom mill-possibiltà perenni li wliedhom imutu żgħar.[8]

**Inkwiet qabel u wara ż-żwieġ**

Qabel il-Konċilju, biex żwieġ jitqies validu ma kienx hemm bżonn il-kunsens tal-ġenituri – il-kelma solenni tal-għarajjes fil-preżenza ta' qassis kienet biżżejjed. Imma mbagħad bis-saħħa tad-digriet *Tametsi* (1563), li pprova jġib iż-żwiġijiet taħt kontroll ekkleżjastiku, il-Knisja bdiet tesiġi din il-kundizzjoni, anki jekk ma kinitx lesta li tiddikjarahom nulli kemm-il darba ma tkunx onorata fil-prattika.[9]

Mariano Batorra minn Ħal Qormi talab lil Imperia Mallia minn Ħal Luqa bħala martu. It-tfajla, li kien għad kellha biss 14-il sena, għall-ewwel aċċettat li tiżżewġu imma mbagħad, għal xi raġuni, reġa' bdielha. Mariano tant ħadha bi kbira li tellagħha l-Qorti tal-Isqof; argumenta li ladarba tat il-kunsens tagħha quddiem ix-xhieda kellha tonora l-wegħda tagħha. Imperia, konfuża u b'kuxjenza mtaqqla, baqgħet tirrifjuta. Qattgħet xi żmien mas-sorijiet fil-kunvent ta' Santa Skolastika, l-Imdina; imbagħad sabet kenn għand zijuha, Luca Zammit, fl-Imqabba. Eventwalment is-sentenza tal-qorti eżonoratha mid-dmir li tiżżewweġ lil Mariano, li allura baqa' b'xiber imnieħer.[10] Dan il-każ seħħ fl-1533, tliet snin wara l-miġja tal-Ordni.

Isabella, bint Luca Mallia, u Vestru Briffa kienu diġà żżewġu meta sabu li kienu jiġu minn xulxin fir-raba' grad. Għalhekk kellhom iressqu l-każ tagħhom fil-Qorti tal-Isqof biex jitolbu dispensa; din waslet minn Ruma f'Novembru tal-1534.[11] Il-Franċiż Andrea Charlù żżewweġ lil Vincenza Pantallerese, bint Antonio, imma kellu jaħrab minn Malta hekk kif sar magħruf li diġà kellu mara oħra f'art twelidu.[12]

Agata, armla ta' Michele Bondin, iżżewġet lil Antonio Briffa f'Lulju tal-1535. Tliet xhur wara kienu diġà l-Qorti tal-Isqof wara li l-mara akkużat lil żewġha li kien qed isawwatha u jaħqarha. Michele nstab ħati u kellu jħallas multa, imma l-każ ma spiċċax hawn. Agata telgħet darbtejn oħra l-qorti biex tixli lil Antonio li kien heddidiha li joqtolha. Ir-raġel weħel multa oħra, imma martu, kontra qalbha, kellha tmur lura miegħu taħt l-istess saqaf. Ftit ta' żmien wara, il-mara stqarret quddiem il-Qorti tal-Isqof li kienet ħarbet mid-dar matrimonjali u b'konsegwenza hi stess spiċċat il-ħabs. Ħelsuha meta aċċettat li tmur toqgħod għand waħda armla qariba tagħha mingħajr ma toħroġ mid-dar *(house arrrest)*. Meta rawha tiġri barra sew binhar kif ukoll billejl, weħlet multa talli kisret l-ordni tal-qorti.[13]

Fl-1591 Isabella Grech iżżewġet lil wieħed Sqalli minn Trapani, Vito de Bono. Dan kien *buonavoglia* (qaddief volontarju)

fuq ix-xwieni tal-Ordni. Fit-tmien snin ta' bejn l-1606 u l-1614 qatt ma deher Ħal Luqa. Fl-1611 ħuha Nicola kien sema' li lil żewġha kienu għallquh f'Viterbo, wara li nstab ħati li kien seraq u qatel lil wieħed vjaġġatur. F'Diċembru 1613, Giuliano Psaila, ir-raġel li kellha ħsieb tiżżewweġ, reġa' lura Malta max-xwieni tal-Kavallieri. Qalilha li meta kien Marsilja, wieħed stranġier stqarr ma' xi Maltin li hu nnifsu assista għall-esekuzzjoni ta' de Bono. Issa li kellha provi konkreti, Isabella resqet quddiem il-Kurja lokali biex titlob li joħorġu t-tnedijiet ħalli tkun tista' terġa' tiżżewweġ. Il-permess ħareġ f'Jannar tal-1614 u eventwalment ħadet lil Giuliano b'żewġha fit-13 ta' Awwissu tal-istess sena. Ġara li f'Ottubru ta' wara, il-mara rċeviet ittra preokkupanti li kienet tgħid li fil-fatt Vito mhux biss kien għadu ħaj, imma kien qed iservi fuq ix-xwieni ta' Napli. Avżaha li kien bi ħsiebu jirritorna Malta fi żmien xahar u li fil-frattemp kellha tagħmel il-preparamenti meħtieġa. Konfuża għall-aħħar, Isabella marret tiġri għand il-kappillan ta' Bir Miftuħ, Dun Mario Mallia, u fost ħafna lfiq tarrfitlu kollox. Biss l-inkwiet tagħha ma tantx dam ikarkar wisq, għax ftit wara rċeviet ittra oħra, din id-darba mingħand il-kappillan tal-isptar ta' Santa Maria della Pietà ta' Messina, Patri Petro Garsia, li fiha għarrafha li Vito daħal marid fit-20 ta' Ottubru u sebat ijiem wara miet.[14]

Fl-1600 Caterina Calleja stqarret hekk: "Żewġi (Giuseppe, *buonavoglia*) ilu tmien snin nieqes mid-dar. Naraħ biss ftit drabi fis-sena." Geronima Fabiano fl-1631 kienet ilha s-snin ma tafx x'ġara minn żewġha li kien fuq brigantin li għereq. Xtaqet terġa' tiżżewweġ u kemm-il darba marret tkellem lill-Vigarju Ġenerali, imma dan ma setax jagħtiha l-permess ladarba ma kienx hemm provi biżżejjed li żewġha kien miet tabilħaqq. Fl-aħħar ġabitha żewġ u ħadet lil Francesco Perone minn Messina; dan kien *buonavoglia* tax-xini *San Paolo*.[15]

Fl-1646 il-familja ta' Domenico Camenzuli rċeviet l-aħbar li hu tilef ħajtu waqt l-assedju ta' Kandja (Kreta). F'Ħal Luqa sar xi quddies għal ruħu. Madankollu, ftit snin wara, meta martu laħqet reġgħet iżżewġet, saru jafu li Domenico, fil-fatt, kien għadu ħaj, imma kien qed jinżamm fil-jasar f'Kostantinopli.[16]

**Żwiġijiet imħallta f'Ħal Luqa**

Il-parti l-kbira tax-xebbiet kienu jieħdu rġiel mir-raħal stess. Billi l-familji kienu jafu lil xulxin mill-qrib kien ikun ferm aktar faċli biex xi ħadd jagħraf x'pezza hu s-sieħeb prospettiv tiegħu. Imma xi nisa aktar avventurużi kienu miżżewġin stranġieri, fosthom Caterina Briffa (lill-Grieg Stefano Spatafora), Domenica Chacalu (lil Manoli Maraviglia), Margarita Balzan (lill-Isqalli Giovanni Lopes), u Agata Camenzuli (lil Grieg ieħor jismu Manoli wkoll).[17] Dawn iż-żwiġijiet kienu kollha rreġistrati fl-ewwel snin tal-Ordni, bejn l-1530 u l-1565 (is-sena tal-Assedju). Dawn il-barranin setgħu waslu Malta mal-Kavallieri minn Rodi, jew ftit żmien wara biex ifittxu x-xogħol magħhom.

Cesare Palumbo, minn Torre del Greco ħdejn Napli, kien ġie Malta mal-armata navali ta' Don Giovanni tal-Awstrija fl-1579; fl-1617 iżżewweġ lil xebba Ħalluqija. Kif diġà rajna, fl-1599, Isabella Grech iżżewġet wieħed *buonavoglia* tax-xwieni, Vito de Bono, minn Trapani, Sqallija; mentri, fl-1631, Geronima Fabiano iżżewġet lil Francesco Perone minn Messina. Maria Zingheir iżżewġet lil Mastru Nicola Gullo, Grieg li kien jaħdem ta' barbier.[18] F'darhom kellhom mitħna, kamra żgħira, kċina, bitħa, bir u għalqa; kienu jħallsu tnax-il irbgħi kera fis-sena.[19]

Xi xebbiet, m'għandniex xi ngħidu, kienu jiżżewġu wkoll ġuvintur minn barra r-raħal. Fl-1601, pereżempju, insibu tmien xebbiet Ħalluqin li żżewġu f'Bir Miftuħ (il-Gudja):[20] tlieta minnhom ħadu ġuvni

Ħalluqi, filwaqt li l-ħamsa l-oħra ħadu ġuvni minn Ħaż-Żabbar, Ħal Kirkop, il-Belt Valletta, Ħal Balzan, u Għawdex.

Il-kappillan ta' Bir Miftuħ, Dun Mario Mallia, sa mill-1604, beda jżewweġ lill-Ħalluqin f'xi dar fir-raħal stess, aktarx biex jiffrankalhom il-vjaġġ għal Bir Miftuħ. Dan ġara l-ewwel darba fis-26 ta' Novembru meta żżewġu Marietta Buttigieg u Antonio Briffa. Spiss l-għarajjes kienu jiżżewġu fid-dar ta' omm it-tfajla; drabi oħra kienu jiżżewġu fid-dar ta' xi qraba jew ħbieb. Meta l-għarusa ma kinitx issib dar xierqa għall-okkażjoni, kienet tiżżewweġ fil-knisja ta' Sant'Andrija. L-ewwel żwieġ ta' din ix-xorta seħħ fid-9 ta' Ġunju tal-1607.[21] Vittoria, in-neputija tal-Kappillan Michele Maxta, iżżewġet fid-dar tiegħu fl-1778.[22]

### Id-dota u l-legati taż-żwieġ

Ix-xebbiet, meta jiżżewġu, kienu jirċievu d-dota mingħand il-familja tagħhom. Meta, pereżempju, Martino Vella ħa lil Caterina Bonavia fl-1545, missierha għaddielu dar u żewġ għelieqi jmissu ma' Ħal Luqa, filwaqt li Caterina stess irċeviet xi flus u rigali oħra.[23] Id-dota kienet indispensabbli, u ebda żwieġ ma kien jitqies komplut jekk l-għarusa ma kinitx tingħata xi ħaġa, żgħira kemm hi żgħira. Sintendi l-ġenerożità tad-dota kienet tiddependi mill-klassi ekonomika tal-ġenituri. Familji b'ħafna tfajliet kellhom jiffaċċjaw ħafna problemi għax kienu ta' piż finanzjarju enormi fuq nieshom.

Legat taż-żwieġ kien jitwaqqaf minn benefattur biex il-qbiela fuq xi proprjetà jew l-interessi fuq xi kapital jingħataw b'dota ta' kull sena lil xebbiet fqar. Il-legat Psaila – l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu li twaqqaf fil-parroċċa – ingħata mill-Kappillan Agostino Cassia l-ewwel darba, ironikament, lil xebba minn Ħal Kirkop, mhux minn Ħal Luqa. Dan il-legat kien jiswa mitt skud.[24]

It-tieni legat taż-żwieġ fil-parroċċa ta' Sant'Andrija twaqqaf minn Angelo Bonnici, meta fit-testment tiegħu (10/10/1645) ħalla tliet għelieqi lill-fratellanza tar-Rużarju, biex mill-qbiela tagħhom ta' kull sena tingħata dota xierqa lil xebba fqira nhar il-festa tar-Rużarju.[25] L-ewwel tfajla li gawdiet minn dan il-legat kienet Angelica Cachia li żżewġet fis-6 ta' Ottubru tal-1647; ingħatat mal-erbgħin skud.[26]

Fit-3 ta' Awwissu 1650, Domenico Tonna ħalla żewġ għelieqi u kapital ta' 250 skud biex twaqqaf it-tielet legat taż-żwieġ f'Ħal Luqa. Kellu jingħata fil-festa tal-Ispirtu s-Santu, darba lil xebba mill-ġebbieda tiegħu u darba lil xebba mill-ġebbieda ta' martu Geronima, skont liema naħa tkun tmiss. Dan il-legat ingħata għall-ewwel darba lil Maria Bondi u kien jiswa 38 skud.

Legat ieħor fil-parroċċa tħalla minn Dun Alwiġ Tonna fit-testment li għamel fl-4 ta' Mejju 1680. Kien jiswa 25 skud u kellu jingħata nhar il-festa ta' Sant'Anna. Ix-xebba kellha tiżżewweġ fuq l-altar tal-istess qaddisa. Dan seħħ fi żmien il-Kappillan Giuseppe Lamagna (li serva fil-parroċċa bejn l-1678 u l-1683).

L-għażla tax-xebba biex tieħu wieħed minn dawn il-legati kienet issir bl-akbar reqqa. Il-kappillan kien l-ewwel iniedi l-konkors għal tliet darbiet fil-quddiesa kantata tal-Ħadd; imbagħad, fil-jum stipulat, fil-preżenza ta' nutar bħala xhud, kien jaqra l-ismijiet tax-xebbiet li jkunu applikaw. Fl-aħħar kien jitħabbar l-isem ta' dik ix xebba li tkun ntagħżlet skont il-kundizzjonijiet mitluba mill-fundatur. Il-Ħadd, 13 ta' Marzu 1729, pereżempju, fi żmien il-Kappillan Mario Michele Mifsud, in-Nutar Tomaso Magri għażel lil Rosa Ellul minn Ħal Luqa biex tibbenefika mil-legat Tonna.[27]

Hekk kif xebbiet barra mir-raħal kienu eliġibbli biex jieħdu legati mħollija fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa, hekk ukoll xebbiet Ħalluqin setgħu jibbenifikaw minn legati mħollija f'parroċċi oħra. Ngħidu

aħna, fis-snin 1714 u 1715, żewġ tfajliet Ħalluqin iżżewġu fil-Katidral tal-Imdina, u fl-1772 xebba mir-raħal iżżewġet Bormla biex ħadu legati taż-żwieġ.

Ta' min isemmi li l-Università tal-Imdina,[28] kull sena nhar San Pawl (25 ta' Jannar), kienet ittella' bix-xorti 16-il isem ta' xebbiet iltiema u tagħtihom 25 skud kull waħda bħala dota taż-żwieġ. Fl-1725 Rosa Bonnici minn Ħal Luqa messitha din ix-xorti, imma ma setgħetx issib ġuvni biex tiżżewġu. F'Settembru tal-istess sena talbet biex jingħatalha ftit ta' żmien biex forsi jseħħilha dan il-ħsieb, imma xorta ma ġabithiex żewġ u fl-aħħar spiċċat biex ċediet il-legat lil oħtha Maria.[29]

Fl-1713 Francesca de Brincat ingħatat legat ta' ħamsa u għoxrin skud biex tiżżewweġ għax ommha kienet mejta u missierha kien ilsir - lanqas biss kienet taf kienx ħaj jew le. Fl-aħħar jiem tal-istess sena, missierha ġie lura Malta, imma tant kien bla saħħa li kellu bżonn l-għajnuna ta' bintu biex jgħix.[30] Dan il-każ seħħ fi żmien il-Kappillan Ignazio Agius.

**Il-qagħda tal-mara: xogħol u tbatija**

Wara t-tmiem tal-Assedju l-Kbir, il-Kavallieri bdew jibnu l-Belt Valletta (1566). Bosta Ħalluqin sabu xogħol stabbli bis-saħħa ta' dan il-proġett enormi, billi l-parti l-kbira minnhom kienu bennejja u nies tas-sengħa. Fost il-ħaddiema kien hemm ukoll xi xebbiet u nisa miżżewġa minn diversi nħawi ta' Malta, inkluż Ħal Luqa. Din kienet xi ħaġa organizzata għax jissemmew nisa li kienu jmexxuhom, imma f'għajnejn xi wħud din kienet attività skandaluża. Il-perikli morali implikati f'dan ix-xogħol ġiegħlu lill-kappillan taż-Żurrieq, Dun Anton Bartolo, jeħodha qatta' bla ħabel kontra din id-drawwa; wasal biex fi prietka minnhom li għamel f'Ħal Luqa, iddeskriva lil dawn il-ħaddiema bħala 'nisa baxxi' u kkundanna bi kliem eħrex lil dawk li kienu jmexxuhom.[31] Fi ħsiebu, il-possibiltà ta' promiskwità fosthom, f'qafas post-Konċiljari, kienet assolutament abborrenti.

Skont Susanna Hoe, dawn in-nisa aktarx kienu jaħdmu ta' ballata, fi żmien meta s-soqfa kienu jinksew b'materjal imsejjaħ *puzzolana*.[32] Erin Serracino-Inglott, f'Il-Miklem Malti, jiddefinixxi *ballata* bħala "mara ħaddiema li tbattam il-qiegħa bħala xogħolha". Fil-fatt għal ħafna snin, dan il-ħidma kienet immonopolizzata mis-sess femminili.

Kien hemm ukoll xi bdiewa nisa. Fil-lista tal-Kappillan Francesco Theuma niltaqgħu ma' tliet ismijiet: Katerina Briffa, li tniżżlet bħala 'semibidwija' fl-1683 u fl-1684 u 'bidwija' fis-snin 1685-90. Margarita Tonna u Maria Caruana t-tnejn kienu meqjusa bħala bdiewa; Tonna fis-snin 1683-92 u Caruana fis-snin 1683–1695. Filwaqt li Briffa u Caruana aktarx żarmaw mix-xogħol tar-raba' għax ma setgħux ilaħħqu miegħu, Tonna telqitu biss meta l-età bdiet tagħmel tagħha. Fl-1692, meta l-aħħar darba li tissemma f'dal-impjieg, kellha 68 sena.[33]

Jekk ħaddiem kien ibati biex imantni familja, aktar u aktar kienet tbati mara meta għal xi raġuni jew oħra kellha tieħu ħsieb ta' kollox hi. Fl-irħula mhux ftit kienu n-nisa miżżewġa li kienu joħorġu jaħdmu, l-iżjed fir-raba', għax bil-paga ta' żwieġhom biss bilkemm kienu jlaħħqu mal-ħajja. Xi rġiel, imbagħad, kienu jabdikaw mir-responsabbiltajiet tagħhom lejn marthom u wliedhom. Vittmi tal-għażż, tax-xorb jew tal-logħob tal-azzard kienu jħallu l-familja bla sold. Domenico Schembri, fi żmien qasir, berbaq il-flus li martu kienet ġabet bħala dota, filwaqt li Domenico Scicluna tant ġab lil martu f'qagħda mwiegħra li kellha tbigħ xi ħwejjeġ lill-ħajjat tar-raħal.[34]

Meta raġel kien jabbanduna l-familja, il-Qorti kienet tfittxu biex iġġiegħlu jmantni lil martu u lil uliedu, imma mhux dejjem kien jirnexxilha tillokalizzah. Ngħidu aħna,

Lorenzo de Lorenzo telaq mid-dar bla kliem u bla sliem, imma l-Qorti ma setgħet issibu mkien u l-avviż li twaħħal mal-bieb ta' daru biex jidher quddiem il-ġustizzja ma sewa għalxejn. Martu Imperia, li kellha żewġt itfal, qalgħet il-permess biex tbigħ dar li kellha għal 45 uqija flus. Dan il-permess kien neċessarju għax, kif għidna, skont il-liġi ebda mara ma setgħet tinnegozja art jew proprjetà jekk mhux bil-permess tar-raġel, li f'dan il-każ kien assenti.[35]

Xi nisa kienu jispiċċaw ifendu għal rashom għax żewġhom kien jinqabad fil-jasar. Billi r-raġel ta' Caterina Farrugia kien skjav f'Barberija, martu kellha toħroġ taħdem biex taqla' x'tiekol. Fl-1688 kellha saħansitra tiddejjen biex tikkura ruħha minn xi marda li ħakmitha. Maria Maxta, omm ta' tlitt itfal, kellha lil żewġha lsir f'Kostantinopli u fl-1725 spiċċat tissellef il-flus fuq dar li kellha biex tkun tista' tlaħħaq mal-bżonnijiet tal-familja. Teresa Sciberras, min-naħa l-oħra, ma kellhiex proprjetà fuqxiex tiddejjen, u biex tissellef ħames skudi, kellha tirhan 26 buttuna tal-fidda.

L-industrija tal-qoton kienet għadha attiva. Fl-1778 Maria Falzon kienet iddur ir-raħal tqassam il-qoton fil-familji biex jaħilġuh, jagħżluh u jlestuh bħala ħajt u tajjar. Maġenb il-bieb tad-djar, kont tara nisa bir-raddiena tagħhom jagħżlu t-tajjar. Filgħaxija kont tara n-nisa jintasbulek fuq l-għatba jpaċpċu u jtaqtqu. It-tfajliet, miġburin qaqoċċa, kienu jedhew ikantaw xi għanja Maltija.[36]

Xi nisa kienu jaqilgħu x'jieklu bħala qwiebel; oħrajn bħala ħuttaba. Dawk li kienu jassistu lill-ommijiet waqt il-ħlas aktarx ma kinux imħarrġa b'mod professjonali, imma x-xogħol tal-majjistra kien imfittex u aktarx rispettat. Teresa Grech minn Ħal Luqa kienet tagħmilha ta' ħuttaba, u kienet titħallas a proporzjon tad-dota involuta.[37]

Nisa oħrajn spiċċaw jgħixu mill-karità: Maria Bonnici, armla ta' 60 sena kienet tmur il-Belt Valletta biex tittallab. Hemmhekk kienet taqla' xi ftit flus, imma kultant anki xi ikel u qamħ.[38]

Mhux in-nisa kollha kienu passivi; kien hemm min fittex id-drittijiet tiegħu u ġabha żewġ. U mhux in-nisa kollha kienu fqar; kien hemm xi wħud li kienu jgħixu fil-kumdità. Antonia, mart il-Ħalluqi Centurio Parisi, pereżempju, fl-1642, talbet li jingħatalha s-sehem li kien imissu żewġha minn korsa li kien għamel qabel ma waqa' lsir.[39] Fl-1592, Margarita Napolitano xtrat nofs is-sehem ta' dar ta' Paolo Bonavia bi sbatax-il skud.[40] Verament ftit kienu dawk li setgħu jaffordjaw iżommu seftura r-raħal. Imma Madalena Ellul, omm Dun Salv, kellha magħha lil Grazia Cassar ta' 50 sena.[41]

**Il-kenn tal-kunvent jew il-ħajja tat-triq**

Kif rajna l-alternattivi għaż-żwieġ, tajjeb jew ħażin, kienu tnejn: il-kunvent jew it-triq. Il-ħajja konventwali kellha primarjament żewġ funzjonijiet: qabelxejn kellha tforni saqaf u għejxien relattivament diċenti fl-assenza ta' raġel, u t-tieni kienet isservi ta' kenn li jipproteġi l-unur tal-mara minn kull attività sesswali barra s-santità taż-żwieġ.

Cassar jaqsam is-sorijiet fi tliet tipi: (a) il-pjetuzi – dawk in-nisa twajba li b'sejħa ġenwina u minn rajhom, kienu jiddedikaw ħajjithom għal ħajja ta' talb u ċaħda; (b) il-vittmi reluttanti – dawk in-nisa li mingħajr vokazzjoni kienu jinqaflu mill-familjari tagħhom aktarx għax ma kellhomx mezzi biżżejjed biex jipprovdulhom dota; u (ċ) id-devjanti – dawk in-nisa li wara karriera ta' prostituzzjoni jew ħajja xellerata kienu jixtiequ jirriformaw ħajjithom.

Il-fatt li ħafna nisa spiċċaw segregati fil-monasteri kontra r-rieda tagħhom, kien jippreċipita frustrazzjoni sesswali kbira fost ħafna mis-sorijiet, li wara kollox aktarx xtaqu jgħixu ħajja normali, jiżżewġu u jkollhom familja. Il-problema tad-dota kienet perenni; din kienet piż li ġab ir-rovina ekonomika

ta' diversi missirijiet u d-disperazzjoni ta' diversi ulied bniet.

Kemm-il Inkwiżitur u kemm-il vjaġġatur barrani li resaq lejn Malta matul il-perjodu tal-Ordni rrimarka li l-pajjiż, partikolarment iż-żona tal-Port, kien infestat bil-prostituti. Din mhijiex sorpriża. Ħafna nisa sempliċiment ma kellhomx għażla, speċjalment dawk li kienu jormlu kmieni jew jiġu abbandunati minn żewġhom. Ħafna kienu jagħżlu din it-triq wara li jkun ġew darahom mal-ħajt; mingħajr l-opportunità ta' xogħol xieraq u onest, kellhom ibigħu ġisimhom biex jaqilgħu x'jieklu, altrimenti kienu jispiċċaw imutu bil-ġuħ.

Il-prostituzzjoni kienet sa ċertu punt tipprovdi grad ta' sigurtà ekonomika u awtonomija; ironikament, xi wħud kienu jgħixu aħjar minn nisa tad-dar ordinarji, jew minn nisa li kien jirnexxilhom isibu impjieg bħala sefturi, ħaddiema fir-raba', jew ħaddiema fl-industrija tat-tessuti (ħajjata, nissieġa, eċċ.). Fl-istess ħin, kienu jgħixu ħajja mimlija perikli, insulti, abbużi, attakki vjolenti u anki sfreġji fuq persunthom. Jekk mara tad-dar, suppost imħarsa minn żewġha kienet vulnerabbli, aħseb u ara prostituta, mingħajr il-protezzjoni ta' xi raġel jew qarib.

**Ir-romol u l-biżokki**

In-numru ta' nisa romol kien kbir ħafna – qabelxejn għax kienu jiżżewġu żgħar (kultant ta' tlettax u erbatax) u għaldaqstant ir-raġel kien aktarx imut qabilhom. Oħrajn kienu jormlu għax żewġhom kien imut fuq il-baħar, mgħarraq jew fit-taqbid mal-Mislem.

In-nisa li kienu jormlu kienu sintendi suxxettibbli aktar għall-faqar. Mingħajr il-manteniment u l-protezzjoni tar-raġel kienu litteralment jaffrontaw il-miżerja. Ma kellhomx ħafna għażliet. Kien hemm min jagħtiha għall-ħajja tat-triq, bil-perikli u l-istigma li ġġib magħha; oħrajn kienu jissakru f'xi monasteru; oħrajn kienu jgħixu bil-karità billi joħorġu jittalbu; oħrajn kienu jagħtuha għas-seħer u l-qari tax-xorti biex jaqilgħu xi sold. Ix-xogħol kien skars; ma kienx faċli timpjega ruħek; u min kien jirnexxilu jsib jaħdem, kien aktarx isofri l-isfruttament.

Min kien jerġa' jiżżewweġ, kien aktarx jiżżewweġ raġel bit-tfal. Imma anki din is-soluzzjoni kienet, ħafna drabi, tikkawża l-inkwiet għax l-ulied kienu jaraw lill-mara ġdida ta' missierhom bħala użurpatriċi ta' ġid il-familja jew sostitut indenju ta' ommhom bijoloġika.

Is-soċjetà żammet il-mara dipedenti biex tibqa' kkontrollata. Nisa bi grad ta' awtonomija kienu dejjem trattati b'suspett. Xebbiet li ma jiżżewġux u jgħixu ħajja indipensenti kienu jitqiesu abborrenti, li jmorru kontra n-normi socjali, għax skont il-kultura taż-żmien suppost li missierha jew żewġha kellhom jagħmlu tajjeb għaliha.

Il-bizokki kienu sorijiet terzjarji li ma kinux jgħixu ħajja konventwali bħas-sorijiet normali; kienu nisa reliġjużi li kienu joqogħdu mal-familja. Wara perjodu ta' novizjat kienu jipprofessaw u saħansitra jibdlu isimhom.

Fl-ewwel ħamsin sena tas-seklu tmintax, f'Ħal Luqa kien hemm bosta minnhom. Il-maġġoranza tagħhom kienu mseħbin mal-Karmelitani, il-Franġiskani, u d-Dumnikani. Fl-1778 niltaqgħu ma' tnejn minnhom: Maria Pace ta' 31 sena kienet biżokka tal-Karmnu, filwaqt li Rosa Mifsud ta' 86 sena kienet mal-Ordni tal-Kapuċċini.

Minkejja li dawn it-terzjarji kienu xorta ddedikati għall ħajja spititwali, in-nies xorta kienu jħarsu lejhom b'suspett; il-fatt li kienu ċelebi u setgħu jħufu barra bla xkiel kien sors ta' tħassib kontinwu. Din it-tip ta' reliġjożità kienet ir-refuġju ta' bosta nisa fqar, li minn banda ma kinux igawdu l-protezzjoni ta' raġel, imma li fl-istess waqt ma xtaqux jinqaflu f'monasteru.

Mhux kulħadd kellu grazzja magħhom. Billi kienu nisa b'ħafna skrupli, mhux l-ewwel darba u t-tnejn li kienu jieqfu jikkoreġu lil xi ħadd li jkun żbalja fi kliemu jew bl-imġiba. L-idea ta' pulizija 'morali' fit-toroq, sintendi, kienet turta lil ħafna nies. Tfajliet storbjużi jew lebsin b'mod diżonest kienu jmorru ħażin jekk tismagħhom jew tarahom xi bizzokka għax kienet tagħtihom xebgħa lsien.

*Jissokta fil-programm tal-festa tas-sena d-dieħla*

1 Carmel Cassar. *Daughters of Eve: Women, Gender Roles and the Impact of the Council of Trent in Catholic Malta*, Mireva Publications, Malta, 2002, 8.
2 Cassar 9.
3 Il-qawl Malti jgħid: "Ħus ma' ħus; qamel ma' qamel."
4 Cassar 21.
5 Cassar 39.
6 Cassar 51.
7 Cassar 73. Il-qawl Malti jgħid: "Mara bla xagħ bħal tieġ bla daqq".
8 Cassar 88-89.
9 Cassar 7.
10 Joseph Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975, 11-12.
11 Micallef 11.
12 Micallef 7.
13 Micallef 12-13.
14 Micallef 48-49.
15 Micallef 48.
16 Micallef 168.
17 Micallef 7.
18 Micallef 40.
19 Micallef 41.
20 Sal-1634, Ħal Luqa kienet għadha tagħmel parti mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ.
21 Micallef 64.
22 Micallef 180.
23 Micallef 12.
24 Micallef 83-84. Dun Agostino Cassia kien l-ewwel kappillan ta' Ħal Luqa; serva fil-parroċċa bejn l-1634 u l-1658.
25 Il-fratellanza tar-Rużarju kienet ilha teżisti f'Ħal Luqa sa mill-1587.
26 Micallef 84.
27 Micallef 84.
28 Din l-Università kienet muniċipju amministrattiv speċi ta' Kunsill tal-Gvern lokali.
29 Micallef 84-85.
30 Micallef 168.
31 Micallef 25.
32 Susanna Hoe. *Malta: Women, History, Books and Places*, *Holo Books*/The Women's History Press, Oxford, 2015. Fuq il-każ tal-ħaddiema nisa ara wkoll Paul Cassar, "Women in Malta: A Historical Vignette", fi *Scientia* 38, 1975-77, 5-25.
33 Micallef 170.
34 Micallef 175-76.
35 Micallef 176.
36 Micallef 181.
37 Romina Attard & Robert Azzopardi. *Daily Life in Eighteenth Century Malta*, Midsea Books, Malta, 2011, 46.
38 Micallef 176.
39 Micallef 164.
40 Micallef 41.
41 Micallef 182.





Kartolina li turi nisa bl-għonnella sejrin lejn il-Knisja tal-Madonna tad-Dawl li kienet tagħmel ma' Ħal Luqa
Fil-lemin tal-kartolina tidher il-knisja ta' Ħal Luqa.